



Dokument ta' sessjoni

B9-0461/2021

14.9.2021

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-libertà tal-media u d-deterjorament ulterjuri tal-istat tad-dritt fil-Polonja
(2021/2880(RSP))

Roberta Metsola, Jeroen Lenaers

f'isem il-Grupp PPE

Juan Fernando López Aguilar, Simona Bonafè, Marek Belka, Birgit Sippel, Katarina Barley, Leszek Miller, Robert Biedroń, Łukasz Kohut, Włodzimierz Cimoszewicz, Sylvie Guillaume, Marc Angel, Domènec Ruiz Devesa, Evin Incir, Cyrus Engerer

f'isem il-Grupp S&D

Michal Šimečka, Olivier Chastel, Anna Júlia Donáth, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans

f'isem il-Grupp Renew

Terry Reintke, Sylwia Spurek, Alice Kuhnke, Gwendoline Delbos-Corfield, Saskia Bricmont, Tineke Strik, Kim Van Sparrentak, Monika Vana, Tilly Metz, Reinhard Bütikofer, Salima Yenbou, Anna Cavazzini, Ernest Urtasun, Alexandra Geese, Daniel Freund

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Konstantinos Arvanitis

f'isem il-Grupp The Left

B9-0461/2021

Riżoluzzjoni ta-Parlament Ewropew dwar il-libertà tal-media u d-deterjorament ulterjuri tal-istat tad-dritt fil-Polonja (2021/2880(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Karta"),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ġurisprudenza relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB),
- wara li kkunsidra l-proposta raġunata tal-Kummissjoni għal deċizzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2017 dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja, maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7(1) tat-TUE (COM(2017)0835),
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni² ("ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt"),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar id-diskriminazzjoni pubblika u d-diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, inklużi żoni

¹ ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69.

² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

³ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

mingħajr LGBTI⁴,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ⁵,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smiġħ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija⁶,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali⁷,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja⁸,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt⁹,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar it-tfassil ta' linji gwida għall-applikazzjoni tar-reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni¹⁰,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2020)0580),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2021 bit-titolu "Ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2020)0700),
 - wara li kkunsidra l-ittra tat-8 ta' Marzu 2021 mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Prim Ministru Pollakk dwar żewġ abbozzi ta' liġijiet dwar is-settur tal-media fil-Polonja¹¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, kif minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE, l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;
- B. billi skont l-Artikolu 47 tal-Karta, id-dritt fundamentali għal rimedju effettiv jirrikjedi

⁴ ĠU C 255, 29.6.2021, p. 7.

⁵ Testi adottati, P9_TA(2021)0089.

⁶ Testi adottati, P9_TA(2020)0014.

⁷ Testi adottati, P9_TA(2020)0251.

⁸ Testi adottati, P9_TA(2020)0225.

⁹ Testi adottati, P9_TA(2021)0313.

¹⁰ Testi adottati, P9_TA(2021)0348.

¹¹ Referenza: CommHR/DM/sf 007-2021.

aċċess għal tribunal "indipendenti"; billi l-influenza politika jew il-kontroll tal-ġudikatura u ostakli simili għall-indipendenza tal-imħallfin individwali spiss irriżultaw f'sitwazzjoni fejn il-ġudikatura ma kinitx tista' taqdi r-rwol tagħha ta' verifika indipendenti tal-użu arbitrarju tal-poter mill-fergħat eżekuttivi u leġislattivi tal-gvern;

- C. billi l-libertà tal-media hija waħda mill-pilastru u l-garanziji ta' demokrazija li tiffunzjona u l-istat tad-dritt; billi l-libertà, il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti huma komponenti kruċjali tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, u huma essenzjali għall-funzjonament demokratiku tal-UE u l-Istati Membri tagħha; billi l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jadottaw qafas legali u regolatorju li jrawwem l-iżvilupp ta' media ħielsa, indipendenti u pluralistika;
- D. billi l-Polonja, flimkien ma' xi Stati Membri oħra, għadha ma implimentatx ir-rekwiżiti kollha tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (Direttiva (UE) 2018/1808), u b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-indipendenza tar-regolatur nazzjonali tas-suq tal-media;
- E. billi l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew tal-Kunsill tal-Ewropa fl-2019 ikkonkluda li l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji tal-media Pollakki kienet qed tqajjem tħassib dwar l-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-ħatra u l-obbligu ta' rendikont lejn il-Kunsill Nazzjonali tax-Xandir (KRRiT); billi, huwa kkonkluda wkoll li l-Kunsill Nazzjonali tal-Media (RMN) ma kellu "l-ebda salvagwardja adegwata għall-indipendenza funzjonali mill-partiti politiċi u mill-gvern"¹²;
- F. billi fi Frar 2021 ġie propost proġett li tiġi imposta taxxa fuq ir-reklamar u mbagħad din ġiet irtirata minħabba kritika qawwija dwar l-impatt negattiv tagħha fuq il-libertà tal-media u l-pluralità tal-media; billi fl-10 ta' Frar 2021 madwar 45 stabbiliment tal-media privati ġew maqtugħin fil-Polonja, u dawn ippublikaw biss paġni ta' quddiem suwed bi slogan għal 24 siegħa bi protesta kontra t-taxxa proposta fuq ir-reklamar tal-media, u madwar 40 xandar kitbu f'ittra miftuħa lill-awtoritajiet Pollakki li t-taxxa l-ġdida kienet se ddgħajjef xi stabbilimenti tal-media li joperaw fil-Polonja u forsi ġġegħelhom jagħlqu li, u b'hekk tillimita l-għażla għall-udjenzi tagħhom;
- G. billi fil-11 ta' Awwissu 2021 is-Sejm Pollakk ivvota favur abbozz ta' liġi li jipproponi li l-kumpaniji li huma proprjetà maġġoritarja ta' entitajiet miż-Żona Ekonomika Ewropea biss ikunu jistgħu jkollhom liċenzji għax-xandir; billi fil-votazzjoni fid-9 ta' Settembru 2021 dan l-abbozz ta' liġi ma kisibx l-approvazzjoni tas-Senat Pollakk, u billi dan ma jfissirx it-tmim tal-proċess leġislativ minħabba l-possibbiltà li s-Sejm Pollakk jinjora din id-deċiżjoni;
- H. billi TVN24, stabbiliment tal-media indipendenti li jappartjeni għall-grupp Discovery ibbażat fl-Istati Uniti, se jkun direttament fil-mira ta' dan l-abbozz ta' liġi; billi deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-liċenzja ta' TVN24 għadha pendenti fil-Polonja, minkejja li x-xandar talab it-tiġdid fi Frar 2020; billi r-regolatur nazzjonali Pollakk tal-media (KRRiT) għandu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu dwar liċenzja ġdida tax-xandir qabel l-iskadenza tal-liċenzja attwali, jiġifieri qabel is-26 ta' Settembru 2021;

¹² Cappello M. (ed.), The independence of media regulatory authorities in Europe, IRIS Special, (L-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji tal-media fl-Ewropa), Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew, Strasburgu, 2019.

- I. billi, minħabba n-nuqqas ta' azzjoni tal-KRRiT, il-grupp Discovery applika mal-awtoritajiet Olandiżi għal liċenzja tax-xandir għall-istazzjon TVN24 tiegħu u ngħata waħda;
- J. billi l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa ta' Reporters Mingħajr Fruntieri tal-2021 jikklassifika lill-Polonja fl-64 post, l-ağħar pożizzjoni li qatt kellha, billi niżlet mit-18-il post fl-2015;
- K. billi fis-7 ta' Mejju 2021 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li l-azzjonijiet tal-awtoritajiet fil-ħatra ta' wieħed mill-imħallfin li kienu fuq il-bord tat-Tribunal Kostituzzjonali fil-każ tal-kumpanija applikanti kienu fissru li l-bord li kien ipproċeda l-każ ma kienx "tribunal stabbilit bil-liġi" u li kien inkiser "id-dritt għal proċess ġust" tal-applikant¹³;
- L. billi fit-2 ta' Marzu 2021 il-QĠUE ddeċidiet li emendi suċċessivi għal-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, li wasslu għall-abolizzjoni ta' kontroll ġudizzjarju effettiv tad-deċizzjonijiet tal-Kunsill li jippreżenta proposti għall-ħatra ta' kandidati għall-imħallfin tal-Qorti Suprema lill-President, jistgħu jiksru d-dritt tal-UE¹⁴;
- M. billi fid-29 ta' Marzu 2021 il-Prim Ministru tal-Polonja ppreżenta applikazzjoni lit-"Tribunal Kostituzzjonali", ikkontestat b'mod wiesa' u illeġittimu, biex jikkunsidra jekk id-dispożizzjonijiet tat-TUE relatati mal-preminenza tad-dritt tal-UE u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva humiex konsistenti mal-Kostituzzjoni Pollakka¹⁵;
- N. billi permezz ta' digriet tal-14 ta' Lulju 2021, il-QĠUE tat miżuri *interim* mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 279 tat-TFUE u relatati mal-funzjonament tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema Pollakka u s-sospensjoni ta' dispożizzjonijiet ulterjuri tad-dritt Pollakk li jaffettwaw l-indipendenza ġudizzjarja¹⁶;
- O. billi fl-14 ta' Lulju 2021 it- "Tribunal Kostituzzjonali" illeġittimu Pollakk iddeċieda li d-digrieti interim tal-QĠUE dwar l-istruttura tal-qradi fil-Polonja kienu inkonsistenti mal-Kostituzzjoni Pollakka¹⁷;
- P. billi fil-15 ta' Lulju 2021 il-QĠUE ddeċidiet fis-sentenza tagħha fil-kawża C-791/19¹⁸ li r-reġim dixxiplinari għall-imħallfin fil-Polonja ma kienx kompatibbli mad-dritt tal-UE;
- Q. billi fl-20 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-Polonja dwar il-miżuri kollha meħuda jew previsti biex tikkonforma bis-sħiħ mad-digriet tal-Qorti u l-miżuri kollha meħtieġa biex tikkonforma bis-sħiħ mas-sentenza; billi l-awtoritajiet Pollakki wiegħbu

¹³ Is-Sentenza tas-7 ta' Mejju 2021, *Xero Flor w Polsce sp. z o.o. v Il-Polonja*.

¹⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Marzu 2021, *A.B. u oħrajn*, C-824/18, ECLI:EU:C:2013:153.

¹⁵ Rikors fil-każ pendenti [K 3/21](#); is-sentenza tat-"Tribunal Kostituzzjonali" illeġittimu hija mistennija fit-22 ta' Settembru 2021.

¹⁶ Id-Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2021, *Il-Kummissjoni vs Il-Polonja*, C-204/21 R, ECLI:EU:C:2018:593.

¹⁷ Is-Sentenza tat-Tribunal Kostituzzjonali tal-14 ta' Lulju 2021, il-kawża P 7/20.

¹⁸ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla manja) tal-15 ta' Lulju 2021, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja*, C-791/19, EU:C:2021:596.

lill-Kummissjoni fis-16 ta' Awwissu;

- R. billi fit-22 ta' Lulju 2021 il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema ma kinitx "tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi" u ma kinitx tissodisfa l-istandard ta' "dritt għal qorti stabbilit bil-liġi" garantit skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;¹⁹
- S. billi fis-7 ta' Settembru 2021 il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat lill-Polonja ittra ta' intimazzjoni skont l-Artikolu 260(2) tat-TFUE talli ma ħaditx il-miżuri meħtieġa biex tikkonforma bis-sħiħ mas-sentenza tal-QĠUE tal-15 ta' Lulju 2021 li sabet li l-liġi Pollakka dwar ir-reġim dixxiplinari kontra l-imħallfin ma kinitx kompatibbli mad-dritt tal-UE;
- T. billi fis-7 ta' Settembru 2021 il-Kummissjoni talbet li l-QĠUE timponi penali finanzjarji fuq il-Polonja biex tiżgura l-konformità mad-digriet tal-miżuri *interim* tal-Qorti tal-14 ta' Lulju 2021 b'relazzjoni mal-funzjonament tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema Pollakka u s-sospensjoni ta' dispożizzjonijiet ulterjuri tad-dritt Pollakk li jaffettwaw l-indipendenza ġudizzjarja;
- U. billi f'Ġunju tal-2021, il-Viċi Ministru għal-Ġustizzja ħabbar li l-koalizzjoni fil-gvern bħalissa qed taħdem fuq abbozz ta' liġi li għandu l-għan li jipprojbixxi l-"propaganda LGBT";
- V. billi fl-14 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni ddeċidiet li tnedi proċeduri ta' ksur kontra l-Ungerija u l-Polonja relatati mal-ugwaljanza u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari b'reazzjoni għad-dikjarazzjoni ta' "żoni ħielsa mill-ideoloġija LGBT"; billi f'ittra²⁰ ta' Settembru 2021, is-servizzi tal-Kummissjoni kkunsidraw li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ma kienx żgurat u għalhekk iddeċidew li jissospendu l-emendi tal-programm REACT-EU fir-rigward tal-programmi operazzjonali reġjonali ta' ħames awtoritajiet lokali Pollakki;
- W. billi fl-istħarriġ tal-Flash Eurobarometer ta' Awwissu 2021, il-maġġoranza vasta ta' dawk li wiegħbu qablu li l-UE għandha ttiprovdi fondi biss lill-Istati Membri bil-kundizzjoni li l-gvern tagħhom jimplementa l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi; billi din iċ-ċifra kienet ukoll għolja ħafna fil-Polonja (72 %)²¹;

Libertà tal-media

1. Ifakkar li fir-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu l-Parlament Ewropew esprima t-tħassib tiegħu dwar bidliet li ġew adottati qabel u li ġew issuġġeriti mill-ġdid fil-liġi Pollakka dwar il-media, tfassil mill-ġdid tax-xandar pubbliku f'xandar favur il-gvern; ifakkar fil-fatt li l-Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni Pollakka jggarantixxi l-libertà tal-espressjoni u jipprojbixxi ċ-ċensura;

¹⁹ Is-Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-22 ta' Lulju 2021, *Reczkowicz vs Il-Polonja* (rikors nru [43447/19](#));

²⁰ Ares(2021)5444303 - 03/09/2021.

²¹ Flash Eurobarometer – L-Istat tal-Unjoni Ewropea, IPSOS, Awwissu 2021.

2. Jikkritika bl-aktar mod qawwi l-abbozz ta' liġi hekk imsejjaħ "Lex TVN" adottat mis-Sejm; jemma li dan huwa tentattiv biex jiġi msikket kontenut kritiku u attakk dirett fuq il-pluraliżmu tal-media, u li jikser ukoll id-drittijiet fundamentali skont il-Karta u t-Trattati, il-leġislazzjoni tas-suq intern tal-UE u l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-kummerċ, bħad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva; iħeġġeġ bil-qawwa lis-Sejm iqis id-deliberazzjonijiet u ċ-ċaħda sussegwenti tal-abbozz ta' liġi mis-Senat;
3. Jinsab imħasseb ħafna dwar id-deterjorament ulterjuri tal-libertà tal-media fil-Polonja u r-riformi differenti stabbiliti mill-koalizzjoni fil-gvern sabiex jitnaqqsu d-diversità u l-fehmiet kritiċi fil-media; jinsab imħasseb ħafna dwar il-konferma tal-akkwiżizzjoni ta' Grupp Polska Press minn kumpanija taż-żejt ikkontrollata mill-istat, PKN Orlen, anki qabel l-eżitu finali tal-appell tal-Ombudsman Pollakk kontra l-Awtorità tal-Kompetizzjoni; jinsab imħasseb ħafna dwar il-bidliet editorjali mwettqa fi ħdan il-Grupp Polska Press mill-maniġment ta' PKN Orlen minkejja appell li għadu għaddej u li temporanjament iwaqqaf id-dritt ta' PKN Orlen li jeżerċita d-drittijiet tal-partijiet ikkonċernati tiegħu; jikkundanna bil-qawwa d-dikjarazzjonijiet tal-uffiċjali PKN Orlen li ċaħdu d-deċizzjoni tal-qorti bħala irrilevanti²²;
4. Jinsab imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni li sejra għall-aġħar fil-media pubblika Pollakka u n-nuqqas tagħhom li jwettqu l-missjoni pubblika li għandhom, ikkaratterizzata mill-pluraliżmu, l-imparzjalità, il-bilanċ u l-indipendenza, obbligu legali skont l-Artikolu 21.1 tal-Att dwar ix-Xandir tal-1992;
5. Jikkundanna bil-qawwa l-kampanji ta' malafama kontinwi fil-media pubblika kontra l-imħallfin, il-ġurnalisti u l-politiċi li jikkritikaw lill-gvern attwali, inklużi kawżi SLAPP (kawżi strateġiċi kontra l-parteciċipazzjoni pubblika) mibdija minn aġenziji tal-gvern, uffiċjali tal-gvern, kumpaniji tal-istat jew individwi b'rabtiet mill-qrib mal-koalizzjoni tal-gvern; jistieden lill-awtoritajiet Pollakki, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-ġurnalisti, jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar attacchi kontra l-ġurnalisti, kif ukoll dwar kawżi maħsuba biex isikktu jew jintimidaw lill-media indipendenti, u jiggarrantixxu aċċess għar-rimedji legali xierqa;
6. Jemma li regoli vinkolanti tal-UE li jipprovdu protezzjoni robusta u konsistenti għall-media indipendenti u l-ġurnalisti minn kawżi vessatorji maħsuba biex isikktuhom jew jintimidawhom fl-UE huma meħtieġa ħafna sabiex jgħinu biex tintemm din il-prattika abbużiva; jenfasizza li l-Parlament Ewropew bħalissa qed jaħdem fuq rapport fuq inizjattiva proprja dwar is-suġġett tal-SLAPPs;
7. Jilqa' l-inizjattiva reċenti tal-Kummissjoni biex toħroġ Rakkomandazzjoni dwar l-Iżgurar tas-Sikurezza tal-Ġurnalisti fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tikseb riżultati rigward l-Att dwar il-Libertà tal-Media²³ mingħajr dewmien;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, b'mod partikolari b'referenza għall-indipendenza tar-regolaturi tal-media, it-trasparenza tas-sjieda tal-media u l-litteriżmu medjatiku;

²² Poland: *Purge of editors begins despite court ruling suspending purchase of Polska Press*, International Press Institute, 30 ta' April 2021.

²³ For a « *European Media Freedom Act* », diskors mogħti lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament Ewropew, 19 ta' April 2021.

jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu effettiv mill-proċeduri ta' ksur f'sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri jimplementaw dawn id-dispożizzjonijiet b'mod skorrett jew mhux komplut;

9. Itenni s-sejħa tiegħu lill-awtoritajiet Pollakki biex jimplementaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-13 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti u ta' atturi oħra tas-settur tal-media²⁴;
10. Jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-protesti paċifiċi kontra r-riformi mmexxija mill-Gvern Pollakk li jkomplu jimminaw il-libertà tal-media fil-Polonja;

Preminenza tad-dritt tal-UE u l-indipendenza tal-ġudikatura u ta' istituzzjonijiet oħra

11. Jilqa' l-aħħar inizjattivi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura; jemma, madankollu, li azzjoni aktar rapida, kif mitlub ripetutamente mill-Parlament Ewropew, kienet tgħin biex jiġi evitat it-tnaqqir kontinwu tal-indipendenza tal-ġudikatura fil-Polonja; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tnedi proċeduri ta' ksur b'relazzjoni mal-leġiżlazzjoni dwar it- "Tribunal Kostituzzjonali" illeġittimu u l-kompożizzjoni illegali tiegħu, l-Awla Straordinarja tal-Qorti Suprema u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura;
12. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li dan l-aħħar l-awtoritajiet Pollakki kisru b'mod intenzjonat u sistematiku s-sentenzi u d-digrietati relatati mal-istat tad-dritt tal-QĠUE; jistieden lill-awtoritajiet Pollakki jikkonformaw mad-diversi sentenzi tal-QĠUE u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rigward il-kompożizzjoni u l-organizzazzjoni tat- "Tribunal Kostituzzjonali" illeġittimu u l-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema sabiex jikkonformaw mal-istandards ta' indipendenza ġudizzjarja li l-Polonja impenjat ruħha li tirrispetta;
13. Itenni l-kundanna tiegħu tal-prattika tal-prosekuzzjoni u l-fastidju tal-imħallfin li jikkritikaw lill-Gvern Pollakk; jistieden lill-Awla Dixxiplinari biex fil-kompożizzjoni attwali tagħha twaqqaf l-attivitajiet u l-kawżi kollha tagħha, inklużi l-kawżi legali, u terġa' ddaħħal lill-imħallfin kollha li tneħħew mill-pożizzjonijiet tagħhom bħala ġudikaturi minn din l-Awla, inklużi dawk l-imħallfin li għadhom ma tħallewx jiġġudikaw minkejja li jkunu appellaw b'suċċess mis-sospensjoni tagħhom mill-Awla f'qorti tal-liġi, peress li l-verdetti finali fl-appell sussegwentement u kontinwament jiġu injorati mill-presidenti tal-qorti li fihom iservu;
14. Jitlob li l-uffiċċji tal-Prosekutur Ġenerali u tal-Ministru tal-Ġustizzja jkunu separati skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja²⁵; jenfasizza l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali tal-QĠUE fil-kawża pendenti u jitlob lill-Kummissjoni tkun aktar proattiva fit-tnedija ta' proċedura ta' ksur relatata mal-indipendenza tas-servizzi tal-prosekutur;
15. Itenni n-natura fundamentali tal-preminenza tad-dritt tal-UE bħala prinċipju fundamentali tad-dritt tal-UE f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita sew tal-QĠUE;

²⁴ Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2016)4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti u ta' atturi oħra tal-media.

²⁵ L-Opinjoni Nru 892/2017 tal-11 ta'Diċembru 2017.

ifakkar li l-Istati Membri kollha qablu li jehmżu dikjarazzjoni dwar il-preminenza għat-Trattat ta' Lisbona; ifakkar li l-effetti ta' dan il-prinċipju huma vinkolanti fuq il-korpi kollha ta' Stat Membru, mingħajr ma d-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika, inklużi d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, ikunu jistgħu jipprevjenu dan; jiddenunzja kull tentattiv li jimmina dan il-prinċipju;

16. Jistieden lill-Prim Ministru Pollakk ma jiddubitax mill-prevalenza tad-dritt tal-UE fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali u jirtira l-mozzjoni tiegħu, pendenti quddiem it- "Tribunal Kostituzzjonali" illeġittimu, biex jirrevedi l-kostituzzjonalità ta' ċerti partijiet tat-Trattati tal-UE;
17. Jistieden lill-Prosekutur Ġenerali jirtira l-mozzjoni tiegħu quddiem it-"Tribunal Kostituzzjonali" illeġittimu relatat mal-kostituzzjonalità tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
18. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-kwistjonijiet kollha diġà identifikati u titlob miżuri *interim* kull meta tirreferi l-każijiet lill-QĠUE fil-qasam tal-ġudikatura u titlob penali finanzjarji f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mas-sentenzi tal-QĠUE;

Valutazzjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Polonja

19. Jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' progress u d-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Polonja mir-riżoluzzjoni tiegħu tal-17 ta' Settembru 2020, u li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu ma ġewx ikkunsidrati mill-Gvern Pollakk; itenni dawk ir-rakkomandazzjonijiet;
20. Jieħu nota tat-tħabbira tal-istat ta' emerġenza mill-Polonja u minn Stati Membri oħra li jmissu mal-Belarussja; jinnota bi tħassib is-sitwazzjoni umanitarja fil-fruntiera u jikkundanna t-tentattiv mill-awtoritajiet Belarussi biex jistrumentalizzaw lill-migranti, inklużi l-applikanti għall-ażil, bħala għodda politika u theddida ibrida kontra l-Polonja u Stati Membri oħra b'reazzjoni għall-appoġġ tagħhom għall-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja; jappella għal rispons magħqud tal-UE biex jinstabu soluzzjonijiet għal din is-sitwazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet tal-Polonja u lil Stati Membri oħra affettwati jiżguraw li l-liġi tal-UE dwar l-ażil u r-ritorn u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati bis-sħiħ ukoll matul is-sitwazzjoni ta' emerġenza, inkluż l-aċċess għall-ażil u l-aċċess tal-media u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għaż-żona tal-fruntiera, u biex iqisu l-gwida mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u l-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni, bħala l-gwardjana tat-Trattati, tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw mad-dritt rilevanti tal-UE; jistieden lill-Istati Membri l-oħra juru solidarjetà u jipprovdu assistenza lill-Istati Membri affettwati, inkluża r-rilokazzjoni tal-applikanti għall-ażil;
21. Itenni t-tħassib profond tiegħu espress fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar it-tentattivi biex jiġi kriminalizzat it-tixrid tal-edukazzjoni dwar is-sesswalità fil-Polonja u jinsisti li l-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet li tkun xierqa għall-età u bbażata fuq l-evidenza hija essenzjali għall-bini tal-ħiliet taż-żgħażaġh biex jiffurmaw relazzjonijiet sani, ugwali, attenti u sikuri, ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza;
22. Jinsab allarmat mill-abbozz ta' emendi proposti għal-Liġi dwar l-Edukazzjoni u ċerti atti

oħra, kif ukoll l-emendi adottati għar-Regolament dwar is-Superviżjoni Pedagoġika tal-1 ta' Settembru 2021²⁶ li jillimitaw l-awtonomija tal-edukazzjoni billi jittrasferixxu s-setgħat mill-gvern lokali għall-awtoritajiet ċentrali, jeżerċitaw kontroll fuq il-kapijiet tal-iskejjel u jissikkaw is-sorveljanza tal-NGOs li jikkontribwixxu għall-edukazzjoni skolastika;

23. Itenni t-tħassib profond tiegħu dwar l-attakki fuq id-drittijiet tan-nisa fil-Polonja, b'mod partikolari ir-rigress għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa wara d-deċiżjoni tat-"Tribunal Konstytucyjny" illeġittimu li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali (Dziennik Ustaw) fis-27 ta' Jannar 2021;
24. Jilqa' l-ħatra ta' Kummissarju Pollakk ġdid għad-Drittijiet tal-Bniedem f'Lulju 2021 wara l-iskadenza tal-mandat tal-predeċessur tiegħu f'Settembru 2020;
25. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li minn Diċembru 2018 il-Kunsill kellu biss seduta ta' smiġħ waħda skont l-Artikolu 7(1) dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja; iħeġġeġ lill-Kunsill biex jagħti rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Polonja, kif stipulat fl-Artikolu 7(1) tat-TUE, u biex jagħti skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet; jistieden lill-presidenzi attwali u futuri tal-Kunsill iżommu s-seduti ta' smiġħ dwar il-Polonja fuq l-aġenda tal-Kunsill; jinsab imħasseb dwar l-attitudni ta' presidenzi suċċessivi tal-Kunsill li ma jibqgħux jirrapportaw lura lill-kumitat rilevanti fil-Parlament Ewropew dwar il-proċeduri tal-Artikolu 7(1), u jħeġġeġ lill-Kunsill biex jagħmel dan mill-aktar fis possibbli;
26. Itenni s-sejħa tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jespandu l-ambitu tas-seduti ta' smiġħ tal-Artikolu 7(1) tat-TUE sabiex ikopru wkoll kwistjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali u d-demokrazija, u biex jinkludu żviluppi ġodda u jivvalutaw ir-riskji ta' ksur tal-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà tal-espressjoni, inkluża l-libertà tal-media, il-libertà tal-arti u x-xjenzi, il-libertà tal-assoċjazzjoni u d-dritt għal trattament ugwali, kif mitlub mill-Parlament Ewropew;
27. Jilqa' l-passi meħuda mill-Kummissjoni relatati mad-dikjarazzjoni ta' xi "żoni ħielsa mill-ideoloġija LGBT" minn xi awtoritajiet lokali u reġjonali fil-Polonja u l-inkompatibbiltà tagħhom mal-valuri tal-UE u l-importanza tan-nondiskriminazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tuża r-raġunijiet legali kollha fil-proċeduri ta' ksur; jistieden lill-awtoritajiet statali, lokali u reġjonali tal-Istati Membri jwaqqfu kull kooperazzjoni mal-awtoritajiet Pollakki li jiddikjaraw "żoni ħielsa mill-ideoloġija LGBT"; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tirrifjuta l-applikazzjonijiet għal finanzjament tal-UE minn awtoritajiet li adottaw riżoluzzjonijiet bħal dawn u tikkunsidra modi kif tiżgura l-protezzjoni tal-benefiċjarji finali u l-kontinwità tal-ħidma tagħhom, inkluż billi tikkunsidra alternattivi għall-awtoritajiet maniġerjali reġjonali bħall-ġoti dirett lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma dipendenti fuq il-finanzjament tal-UE biex joperaw;
28. Jikkundanna bil-qawwa l-fatt li l-SLAPPs qed jintużaw ukoll kontra attivisti li qed jaġixxu kontra u li qed jinfurmaw lill-pubbliku dwar ir-riżoluzzjonijiet dwar il-fatt li jkunet ħielsa mill-hekk imsejħa "ideoloġija LGBTI" u l-"Karti Reġjonali tad-Drittijiet

²⁶Dz.U. 2021 poz. 1618.

tal-Familja";

29. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 u li huwa direttament applikabbli fl-intier tiegħu fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri kollha tagħha għall-fondi kollha tal-baġit tal-UE, inklużi r-riżorsi allokati permezz tal-Istrument tal-UE għall-Irkupru minn dak iż-żmien 'l hawn;
30. Ifakkar li r-Regolament tal-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jipprovdi definizzjoni ċara tal-istat tad-dritt, li jrid jinftiehem b'relazżjoni mal-valuri l-oħra tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni; jesprimi diżappunt għar-rispons tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew fl-ittra tiegħu tat-23 ta' Awwissu 2021; jistieden lill-Kummissjoni tiskatta minnufih il-proċedura prevista fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;
31. Jesprimi tħassib serju dwar il-konformità tal-abbozz tal-Pjan Pollakk għall-Irkupru u r-Reżiljenza mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabilixxi l-Faċilità għall-Irkupru²⁷ u r-Reżiljenza u mal-Karta; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill janalizzaw bir-reqqa kull miżura deskritta fl-abbozz tal-Pjan Pollakk għall-Irkupru u r-Reżiljenza u japprovaw il-pjan biss jekk jiġi stabbilit li l-awtoritajiet Pollakki implimentaw is-sentenzi kollha tal-QĠUE, u b'mod partikolari fir-rigward tal-ġudikatura, u li sussegwentement ma jwassalx biex il-baġit tal-UE jikkontribwixxi b'mod attiv għall-ksur tad-drittijiet fundamentali fil-Polonja;
 -
 - ◦
32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Kunsill tal-Ewropa.

²⁷ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.